**STEM to the CAPITAL**

Iċ-Ċentru tax-Xjenzi (Pembroke) fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar qed jorganizza t-tieni edizzjoni tal-inizzjattiva STEM to... bl-isem **STEM to the CAPITAL**. Din hija inizjattiva immirata lejn studenti li qegħdin fit-tielet, fir-raba', fil-ħames jew fis-sitt sena tal-primarja. L-għan ta' STEM to the CAPITAL hu li l-istudenti jesploraw kunċetti xjentifiċi relatati mal-bliet kapitali, preżenti u tal-imgħoddi, permezz tal-lingwa u l-folklor.

Il-parteċipanti huma ġentilment mitluba li jagħżlu wieħed minn żewġ kategoriji sabiex jipparteċipaw:

- L-ewwel kategorija għall-istudenti fit-tielet u fir-raba' sena tal-primarja.
- It-tieni kategorija għall-istudenti fil-ħames u fis-sitt sena tal-primarja.

L-inizjattiva STEM to the CAPITAL hija mifruxa fuq perjodu ta' tliet ġimgħat, mit-Tnejn 19 ta' Lulju sal-Ħadd 8 t'Awwissu 2021. Id-dettalji kollha qegħdin fid-dokument STEM to the CAPITAL *guidelines and regulations* mhemuż ma' din iċ-Ċirkulari.

Studenti li huma interessati fl-inizjattiva huma mistiedna jirreġistraw sa mhux iktar tard minn nhar **il-Ġimgħa 16ta' Lulju 2021** billi jimlew il-formola ta' reġistrazzjoni f'din il-ħolqa.

Ix-xogħol sottomess għal din l-inizjattiva se jiġi iġġudikat minn numru ta' professjonisti skont il-kriterji hawn taħt:

1. Il-kontenut u r-relevanza għax-xoghol;
2. L-użu tal-lingwa u l-kwalita' tal-kitba;
3. L-integrazzjoni ta' elementi STEM fil-prodott final;
4. Il-kreattivita' u l-prezentazzjoni.

Tliet studenti minn kull kategorija, bl-aħjar sottomissjonijiet b'mod ġenerali, se jirċievu *voucher* għal familja ta' adult u tifel/tifla għall-*Malta 5D Experience*.

Għall-mistoqsijiet jew ħtieġa ta' kjarifika ibgħat ittra elettronika lis-Sinjura Isabel Zerafa isabel.zerafa@ilearn.edu.mt.

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

Tislijiet,
Isabel Zerafa
Uffiċjal Edukattiv – Xjenza fil-Primarja